## 13 ta' April, 1992

## Imħallfin: –

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Ġuża Debono *et*

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *et*

## Kumpens Xieraq – Att I ta' l-1983 – Kostituzzjoni

*Kawża fejn ġiet impunjata Liġi ċjoè Att 1 ta' l-1983. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili annullat diversi artikoli mil-liġi attakkata.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi billi l-istess liġi impunjata, fl-artikolu 5(3) tipprovdi li kien il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet, il-Qorti Ċivili Prim'Awla u eventwalment il-Qorti ta' l-Appell li kellhom jiddeċiedu "l-ammont ta' kull kumpens li (kull persuna) jista' jkollha jedd għalih" kien manifest illi l-eżerċizzju li talbu r-rikorrenti li jsir kien proprju dak li seta' jsir f'dak it-Tribunal u f'dawn il-Qrati, u dan kien ifisser ukoll li dik il-leżjoni lamentata mir-rikorrenti kienet, se mai, tista' tavvera ruħha* **meta** *dawk il-Qrati jiddeċiedu finalment x'inhu l-ammont tal-kumpens u li meta da jkun hekk stabbilit il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u eventwalment il-Qorti ta' l-Appell jeżaminaw u jistabbilixxu jekk dak il-kumpens, stabbilit skond il-liġi impunjata, huwiex xieraq jew le, u allura jekk dik id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell, in kwantu kkonċediet, skond il-liġi,* ***kumpens mhux xieraq*** *– dik id-deċiżjoni tkun leżiva ta' dritt fundamentali sanċit mill-artikolu 37(1)(a)*

*tal-Kostituzzjoni.*

*L-art 46(2) tal-Kostituzzjoni jindika diskrezzjoni fdata fl-ewwel lok f'idejn il-Qorti ta' l-ewwel istanza li ġeneralment ma jiġix disturbat mill-Qorti ta' l-Appell.*

*Il-Qorti Kostituzzjonali rriteniet illi l-proċedimenti ġudijarji jridu fl-ewwel lok ikunu fermamanet ankrati mal-konkretezza tal-fatt, li minnu u minħabba fih, jibda u jispiċċa kull proċess.*

*Ġiet revokata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u r-Rikors miċħud in kwantu intempestiv.*

Il-Qorti:- Ikkunsidrat:

Is-sentenza li l-Onorabbli Qorti Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ppronunzjat fis-7 ta' Mejju 1990, tgħid hekk:

"Il-Qorti, rat ir-rikors ta' l-imsemmija Ġuża Debono *et* fejn esponew riverentement: –

1. Illi huma l-proprjetarji tan-nofs diviż ta' l-art "Ta' Dardu" kuntrada tal-Kunċizzjoni ta' l-Imblat, limiti tal-Mosta;

2. Illi fl-10 ta' Lulju 1985, il-Gazzetta tal-Gvern, għarrfet illi l-Kamra tad-Deputati fit-18 ta' Ġunju 1985 approvat dikjarazzjoni tat-tieni intimat li bis-saħħa tagħha l-art fuq imsemmija ġiet iddikjarata parti minn *Area* għall-Iżvilupp għall-Bini għall-finijiet ta' l-Att Numru 1 ta' l-1983 (Limiti tal-Mosta – *Tal-Blata l-Għolja):*

3. Illi parti mill-art ta' l-esponenti ser tintuża għall-bini;

4. Illi skond l-artikolu 6 ta' l-imsemmi att, kull art għandha tiġi stmata, għall-fini tal-kumpens li għandu jitħallas skond l-art. 5 ta' dan l-Att, bħala raba' jew moxa, skond il-każ; b'dana li, skond l-art. 7, jekk l-art tkun ġiet akkwistata qabel l-14 ta' Frar 1983, bi prezz ogħla mill-kumpens skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi, il-Kamra tad-Deputati għandha t-tliet għażliet skond l-istess artikolu;

5. Illi l-Att Numru 1 ta' l-1983 huwa null in kwantu jmur kontra l-artikolu 38 ta' Kostituzzjoni ta' Malta, li jipprovdi li ebda proprjetà ma tista' tittieħed b'mod obbligatorja, ħlief meta jkun hemm disposizzjoni fil-liġi applikabbli għall-ħlas ta' kumpens xieraq;

6. Illi l-Att 1 ta' l-1983, ma jipprovdix għall-ħlas ta' kumpens xieraq;

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tagħmel dawk l-Ordnijiet, toħroġ dawk l-Atti u tagħti dawk id-direttivi biex tiżgura t-twettiq ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi tiddikjara l-imsemmi Att Numru 1 ta' l-1983 null u bla ebda effetti;

Bil-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-intimati fejn esponew bir-rispett:

1. Preliminarjament ir-rikors promotur ta' dan il-proċess ma fihx b'mod konċiż u ċar il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment u lanqas ma jsemmi bl-istess mod id-disposizzjoni jew

disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni illi hu allegat illi ġew, qed jiġu jew li x'aktarx ser jiġu miksura, skond kif jitlob l-inċiż (1) tar-Regolament 3 ta' l-Avviż legali 48 ta' l-1964;

2. Illi r-rikorrenti ma għandhomx interess fir-rimedju kif mitlub fir-rikors tagħhom u għalhekk ma ottemperawx ruħhom ma' l-inċiż (2) ta' l-istess regolament;

3. Illi għaldaqstant din l-Onorabbli Qorti għandha tordna lir-rikorrenti li jippreżentaw f'dak iż-żmien li din l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq tistabbilixxi nota li jkun fiha l-partikolaritajiet meħtieġa, u fin-nuqqas tagħti l-provvediment opportun;

4. Illi riferibbilment għal dak illi ngħad fil-paragrafi preċedenti, ir-rikorrenti ma jgħidux fir-rikors tagħhom jekk fid-data ta' l-akkwist tagħha mill-Gvern l-art "Ta' Dardu" kontrada tal-Kunċizzjoni ta' l-Imblat, limiti tal-Mosta, kinitx, raba', jew moxa, jew xort'oħra; lanqas jirriżulta jekk l-art ġietx akkwistata qabel jew wara l-14 ta' Frar 1983 u x'kien il-prezz ta' l-akkwist, jew liema mit-tliet alternattivi possibbli għażlet il-Kamra tar-Rappreżentanti f'każ li nxtrat qabel dik id-data;

Lanqas ma jgħidu r-rikorrenti b'mod ċar u konċiż, kif l-Att numru 1 ta' l-1983 imur kontra l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni. Ir-rikorrenti la jgħidu liema parti ta' l-imsemmi Att (li tinteressahom) tmur kontra l-artikolu 38 u lanqas liema parti ta' l-artikolu 38 qed jintlaqat;

5. Riferibbilment għall-istess paragrafi, jidher ċar, (anki fin-nuqqas ġenerali ta' kjarezza tar-rikors) illi r-rikorrenti la

għandhom u lanqas jista' jkollhom interess illi jimpunjaw l-Att I ta' l-1983 kollu kemm hu. L-interess biex jiġi annullat Att talleġislatura għandu jidher ċar u manifest u ma għandux jiġi stabbilit bil-mod frivolu kif jagħmlu r-rikorrenti fil-paragrafu 5 tagħhom;

Ir-rikorrenti żgur ma għandhomx interess, per eżempju, a bażi ta' l-imsemmi artikolu 38, jimpunjaw l-artikoli 1, 2, 3, 8, 9, 10, 11, 12, 13, 14, 15, 16, 17, 18, 19 u 20 ta' l-imsemmi Att. I ta' l-1983, u bl-ebda mod ma jidher ċar l-interess tagħhom li jimpunjaw l-artikoli 4, 5, 6 u 7 fuq il-fatti kif spjegati fir-rikors. Għalhekk it-talba magħmula mir-rikorrenti biex jiġi annullat l-Att kollu, hi manifestament monka għax manifestament fiha karenza ta' interess u għalhekk żgur li ma tistax titqies li tissodisfa l-inċiż (2) tar-Regolament 3 fuq imsemmi;

Lanqas jista' jingħad illi r-rikorrenti għandhom interess fl-annullament ta' l-artikoli 4, 5, 6 u 7 iżda jista' jkollhom (apparti dak li jingħad aktar 'il quddiem) interess illi din il-Qorti tistabilixxi xi kumpens ieħor li mhuwiex dak stabbilit bil-liġi jew inkella biex tistabilixxi xi proċedura biex dak il-kumpens ikun jista' jinħalaq;

6. Illi fil-mertu, dejjem bla preġudizzju għal dak li jingħad fl-ewwel ħames paragrafi ta' din ir-risposta, l-Att I ta' l-1983 ma jmurx kontra d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, dan, u dak li jingħad fil-paragrafi sussegwenti qed jingħad inkwantu l-esponenti jimmaġinaw x'seta' kien l-ilment tar-rikorrenti, peress illi jkomplu jsostnu, illi dan ma jirriżultax mir-rikors;

7. L-art illi għaliha japplika l-artikolu 5 ta' l-Att I ta' l-1983, titqies skond l-istess artikolu li tiġi esproprijata skond il-provvediment ta' l-Ordinanza dwar Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap. 136) u d-disposizzjonijiet ta' l-istess Ordinanza li ma humiex inkompatibbli ma' l-Att I ta' l-1983 *għandhom ikomplu* japplikaw għal dik l-art bl-istess mod u taħt l-istess kondizzjonijiet daqs li kieku l-art ġiet akkiwstata għal skop pubbliku b'xiri assolut taħt l-Ordinanza;

Illi f'dan is-sens l-Att I ta' l-1983 hu liġi li temenda jew in parti tissostitwixxi l-imsemmi kapitolu 136, (illum 88) u l-emenda jew is-sostituzzjoni *hi limitata biss fis-sens kif* ġej:

1. illi x-xiri jrid isir biss b'titolu ta' xiri assolut u ma jistax isir b'titolu ta' *"possession and use"* jew *"public tenure"*, u l-proprjetà li tista' tiġi akkwistata hi aktar limitata minn dik taħt l-Ordinanza;

2. hemm tibdil fil-proċedura ta' kif art tiġi ddikjarata meħtieġa għal skop pubbliku, li fl-Ordinanza jsir permezz ta' l-esekuttiv bid-dikjarazzjoni tal-President, waqt li fl-Att I isir bis-saħħa tar-riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati (wara li jkun hemm ċertu żmien għal min irid jagħmel ilmenti). L-iskop pubbliku illi għalih issir ir-riżoluzzjoni tal-Kamra hu l-istess bħall-iskop pubbliku, jew bħal wieħed mill-iskopijiet pubbliċi, taħt l-Ordinanza;

3. Fl-Att I ta' l-1983 min jiġi esproprijat jingħata aditu *independenti u dirett għat-tribunal li jistabilixxi u jħallas il-*kumpens, u appell minn dak it-tribunal lill-Qorti ta' l-Appell; u dan mhux possibbli taħt l-Ordinanza;

4. Taħt l-Ordinanza t-titolu (u mhux il-pussess li jgħaddi mill-ewwel) ta' l-art ma jgħaddix qabel ma jsir att pubbliku, waqt illi taħt l-Att it-titolu jgħaddi *"ope legis"* mar-riżoluzzjoni tal-Kamra bla ħtieġa ta' formalità ta' att pubbliku; dana bla ma jintmissu d-drittijiet ta' kumpens (salv is-subinċis (5) ta' dan il-paragrafu) skond l-istess Ordinanza;

5. L-Att I meta jissussistu l-kundizzjonijiet elenkati fl-artikolu 7, jagħti kumpens aħjar minn dak pagabbli taħt l-Ordinanza;

6. Illi l-inċiż (9) ta' l-artikolu 48 tal-Kostituzzjoni jgħid testwalment:

"Ebda ħaġa fl-artikolu 38 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħidma ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962, **jew xi liġi magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data** (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu) u li ma: –

a) **iżżidx max-xorta ta' proprjetà** li tista' tittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fil-proprjetà li jistgħu jiġu miksuba;

b) **iżżidx mal-finijiet li għalihom jew ċirkostanzi li fihom** dik il-proprjetà tista' tittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;

ċ) tagħmilx il-kondizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal

kumpens jew l-ammont tiegħu, **anqas favorevoli**, lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew

d) **tipprivax xi persuna minn xi dritt** bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 38(1) ta' din il-Kostituzzjoni";

Illi l-imsemmija żewġ paragrafi jgħidu:

"..... disposizzjonijiet ta' liġi.....

(b) li tiżgura li kull persuna li tippretendi dak il-kumpens, dritt ta' aċċess lill-Qorti jew Tribunal independenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi, jew dritt, fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens (bil-ingliż "*any compensation*") li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċedura f'dik il-Qorti jew Tribunal dwar pretenzjoni bħal dik, dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti ta' l-Appell f'Malta";

7. Illi anki kieku r-rikorrenti kellhom juru interess u jirnexxilhom jipprovaw illi l-Att I ta' l-1983 imur kontra s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni, xorta waħda kien ikun "salvat" bis-subartikolu (9) ta' l-artikolu 48 fuq imsemmi;

8. Illi hu diffiċli għal din il-Qorti biex tistabbilixxi illi r-rikorrenti kieku kellhom jimxu skond il-proċeduri stabbiliti fl-Att I ta' l-1983 ma kinux jieħdu kumpens skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni (dejjem salv dak li jingħad fl-artikolu 48(9) qabel ma r-rikorrenti jadixxu l-organi hemm

imsemmija għal kumpens u wara li dawk l-organi jew il-Qorti ta' l-Appell skond il-każ, ma jkunux stabbilew il-kumpens. F'dan is-sens l-esponenti jissottomettu illi jkun aktar siewi għall-aħjar istruzzjoni ta' dan il-proċess kieku dina l-Onorabbli Qorti kellha fl-ispirtu tad-diskrezzjoni tagħha skond il-proviso għall-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni, tiddifferixxi dan ir-rikors *"sine die"* riappuntabbli wara illi r-rikorrenti jkunu fiż-żmien prefiss minn din il-Qorti għamlu l-proċeduri quddiem il-*Land Arbitration Board* għall-iffissar tal-kumpens dovut lilhom skond il-Kap. 136 u l-Att I ta' l-1983;

Bl-ispejjeż;

Illi l-fatti tal-proċedura in diżamina ma jippreżentawx diffikultà f'dik li hija sekwenza però l-aspetti legali involuti fiha huma invece ta' natura komplessa;

Ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li din il-Qorti tagħmel dawk l-ordnijiet u toħroġ dawk id-direttivi, biex tiżgura t-twettiq ta' l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta billi tiddikjara l-Att Numru I ta' l-1983 imsejjaħ l-Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini null u bla ebda effett. Dan l-Att, isostnu r-rikorrenti, huwa null inkwantu l-Kostituzzjoni ta' Malta tipprovdi li ebda proprjetà ma tista' tittieħed b'mod obbligatorju, ħlief meta jkun hemm disposizzjonijiet fil-liġi applikabbli u l-Att li qed jiġi attakkat ma jipprovdix għall-ħlas ta' kumpens xieraq;

Bħala fatti m'huwiex kontestat li r-rikorrenti huma proprjetarji ta' nofs indiviż ta' porzjoni art magħrufa bħala "Ta' Dardu, kontrada tal-Kunċizzjoni ta' l-Imblat, limiti tal-Mosta". Fl-10 ta' Lulju, 1985, il-Gazzetta tal-Gvern għarrfet illi l-Kamra

tad-Deputati fit-18 ta' Ġunju, 1985, kienet approvat dikjarazzjoni ta' l-intimat Onorevoli Ministru tax-Xogħlijiet u Djar dwar art magħrufa tal-Blata l-Għolja (li tinkorpora dik tar-rikorrenti) billi din l-art ġiet dikjarata parti minn *Area* għall-Iżvilupp għall-Bini għall-finijiet *ta' l-Att Numru I ta' l-1983. Parti minn dina l-art* ser tintuża għall-bini. Sa hawn il-partijiet jaqblu;

Illi *"di diritto"* jingħad li l-artikolu 6 ta' l-Att I/1983 jispeċifika li kull art għandha tiġi stmata, għall-fini ta' kumpens li għandu jitħallas skond l-artikolu 5 ta' l-Att, bħala raba' jew moxa, skond il-każ, u b'dana li, skond l-artikolu 7, jekk l-art tkun ġiet akkwistata qabel l-14 ta' Frar, 1983, bi prezz ogħla mill-kumpens skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (illum Kap. 88 tal-Liġijiet Riveduti ta' Malta, ġa Kap. 136), il-Kamra tad-Deputati għandha tliet għażliet skond l-istess artikolu – u dan però fil-każ li l-esproprijat jipprova b'dokumenti illi l-art tiegħu kien akkwistaha ***in bona fide*** qabel l-14 ta' Frar, 1983, bi prezz ogħla mill-kumpens li xort'oħra kien jitħallas skond l-Ordinanza fuq imsemmija;

Illi r-rikorrenti m'humiex jallegaw li huma akkwistaw l-art esproprijata bi prezz ogħla minn *dak li jista' talvolta jirċievu* bħala kumpens mingħand il-Gvern skond l-Ordinanza;

Qed jgħidu iżda li kif ġiet magħmula l-liġi (i.e. l-Att I/1983) – l-art li kienet tagħhom iddaħħlet fl-Area għall-Iżvilupp tal-Bini ai termini ta' l-artikolu 3 ta' l-Att, b'dana li, ai termini ta' l-artikolu 5, tali arti titqies li hija art akkwistata għal skop pubbliku b'xiri assolut u bi proprjetà assoluta taħt id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza. Illi inoltre, il-liġi issa tgħid ukoll li dawk id-disposizzjonijiet kollha ta' l-Ordinanza illi m'humiex

inkompatibbli ma' l-Att 1/1983 għandhom ikomplu japplikaw għal dik l-art bl-istess mod u taħt l-istess kondizzjonijiet daqs li kieku l-art ġiet akkwistata għal skop pubbliku b'xiri assolut taħt l-Ordinanza;

L-ilmenti prinċipali tar-rikorrenti dwar nuqqas ta' kumpens xieraq bi ksur tal-Kostituzzjoni ġew sintetizzati minnhom stess kif ġej:

1. Id-disposizzjonijiet tal-Kap. 88 kienu ġa ibsin biżżejjed imma dawn kienu applikabbli biss għal dak l-art direttament milquta mill-esproprijazzjoni. Kif saret il-liġi, din "tiffriża" l-prezz baxx tar-raba' jew moxa għall-art kollha, anke jekk tiġi milquta mil-liġi snin twal wara li l-liġi tibda sseħħ;

2. Li l-liġi impunjata tinjora għal kollox il-valur ta' l-art, kif stabbilit mill-forzi normali tas-suq li jirregolaw il-prezzijiet;

3. Il-liġi impunjata tinjora għal kollox il-potenzjal kummerċjali ta' l-art;

4. Li għall-art li nxtrat qabel l-14 ta' Mejju, 1983, il-kumpens huwa biss il-prezz tax-xiri, anke jekk inxtrat mitt sena ilu. L-alternattiva hija l-valur tar-raba' jew moxa. Fi kliem ieħor, il-proprjetarju ma jirċievi xejn bħala "*return*" għall-investiment tiegħu tul is-snin;

L-intimati sostnew li r-rikors promotur ma jindikax sew x'inhuma l-ilmenti tar-rikorrenti u li f'kull każ ir-rikorrenti la għandhom u lanqas jista' jkollhom interess illi jimpunjaw l-Att I/1983 interament. Parti minn dina l-oġġezzjoni ġiet trattata u

deċiża minn dina l-Qorti fis-sentenza preliminari tagħha mogħtija fid-9 ta' Jannar, 1986, kif konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali deċiża fis-16 ta' Lulju, 1986. Id-deċiżjoni kienet fis-sens li r-rikors promotur jispeċifika r-rimedju li qegħdin jitolbu r-rikorrenti għall-allegata vjolazzjoni u li għandhom id-dritt li jressqu rikors biex *jitolbu l-impunjazzjoni ta'* l-*Att I/1983 fl-interezza tiegħu.* Issa jekk hijiex fondata jew le din it-talba toħroġ mill-provi u sottomissjonijiet tal-partijiet. Jiġi rilevat li fil-mori tal-proċeduri ġie **in vigore** l-Att Numru I ta' l-1988 dwar Permessi tal-Bini (Provvedimenti Temporanji). Dan l-Att jirregola l-għoti ta' permessi għat-tlugħ u demolizzjoni ta' bini u sabiex jagħmel disposizzjonijiet oħra supplimentari għal dan. Fost id-diversi disposizzjonijiet, l-artikolu 10(1) jipprovdi illi l-Att I ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini **ġie mħassar.** B'danakollu, minkejja dan, is-subartikolu (2) jgħid ukoll li d-disposizzjonijiet ta' l-Att I ta' l-1983 dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini għandhom ikomplu jseħħu: –

1. dwar l-emenda jew it-tħassir ta' dikjarazzjoni magħmula mill-Ministru u adottata mill-Kamra tad-Deputati skond l-artikolu 3 ta' dak l-Att, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att;

2. *dwar il-ħlas ta' kumpens li jista' jkun dovut lil xi* persuna li jkollha dritt fuq jew interess f'xi art li għaliha l-artikolu 5 ta' dak l-Att japplika;

3. dwar ir-reġistrazzjoni ta' xi art f'*Area* għall-Iżvilupp tal-Bini, fir-Reġistru ta' l-Artijiet;

4. dwar kull permess għat-tlugħ ta' xi bini mogħti skond id-disposizzjonijiet ta' dak l-Att, qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan

l-Att, u;

5. dwar kull reat li sar kontra d-disposizzjonijiet ta' dak l-Att, u kull responsabbiltà li toħroġ minnu qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att;

Mela b'konsegwenza tal-promulgazzjoni ta' l-Att I ta' l-1983, għalkemm l-impunjazzjoni llum saret sa ċertu punt akkademika in vista tal-fatt li llum ġie abrogat u sostitwit b'liġi oħra, però xorta waħda għadu jseħħ u applikabbli għall-każ in diżamina;

Illi fil-kors tas-sottomissjonijiet in iskritt (ara nota tar-rikorrent ippreżentata fis-27 ta' Ottubru, 1988 – a fol. 65 *et seq.* tal-proċess), ir-rikorrenti għamlu riferenza għall-art. 321 tal-Kodiċi Ċivili dwar ħlas ta' indennizz ġust bi dritt f'każ ta' teħid furzat ta' proprjetà għal skop pubbliku. Ġustament hawn l-intimati ssottomettaw illi bil-promulgazzjoni ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi tat-8 ta' Ottubru, 1935 (u mhux tas-sena 1988 kif bi żvista indikat mill-intimati fin-nota tagħhom – ara par. 9 a fol. 74 tal-proċess), il-liġi ġenerali ġiet regolata b'liġi speċjali u dana skond il-prinċipju li liġi speċjali għandha tipprevali, (u mhux bilfors "tabroga" kif ġie sottomess) fuq liġi ġenerali. Illi hawn ukoll il-kwestjoni dwar jekk l-Att I ta' l-1983 għandux jitqies bħala xi liġi illi ma għandha l-ebda konnessjoni ma' liġijiet oħra ġa ***in vigore*** oppure hija estensjoni jew sostituzzjoni in parte ta' liġi ġa eżistenti. Dan il-għaliex għall-fini tal-Kostituzzjoni tagħna, dina l-konsiderazzjoni tista' tagħmel differenza bejn liġi u oħra. Trid għalhekk neċessarjament issir riferenza għall-artikolu 47(9) tal-Kostituzzjoni, kif "*del resto*" għamlu l-kontendenti, u ċjoè illi:

"Ebda ħaġa fl-art. 37 ta' din il-Kostituzzjoni ma għandha tolqot il-ħidma ta' xi liġi fis-seħħ minnufih qabel it-3 ta' Marzu, 1962, jew xi liġi fis-seħħ magħmula fi jew wara dik id-data li temenda jew tissostitwixxi xi liġi fis-seħħ minnufih qabel dik id-data (jew xi liġi li minn żmien għal żmien tkun emendata jew sostitwita bil-mod deskritt f'dan is-subartikolu), u li ma:

a) iżżidx max-xorta ta' proprjetà li tista' tittieħed pussess tagħha jew id-drittijiet fuq u interess fil-proprjetà li jistgħu jiġu miksuba;

b) iżżidx mal-finijiet illi għalihom ġew ċirkostanzi li fihom dik il-proprjetà jista' jittieħed pussess tagħha jew tiġi miksuba;

ċ) tagħmilx il-kundizzjonijiet li jirregolaw id-dritt għal kumpens jew l-ammont tiegħu anqas favorevoli lil xi persuna li jkollha jew li tkun interessata fil-proprjetà; jew

d) tipprivax xi persuna minn xi dritt bħal dak li huwa msemmi fil-paragrafu (b) jew paragrafu (ċ) ta' l-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni";

Fil-fehma tal-Qorti l-Att I ta' l-1983 mhux liġi "ġdida" imma effettivament – mingħajr però ma tgħid hekk ***expressis verbis*** – testendi u in parti tbiddel u tissostitwixxi l-Ordinanza, Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta. Fuq dan il-punt ta' natura legali l-partijiet ukoll jidhru konkordi kif jemerġi sija min-nota ta' osservazzjonijiet tar-rikorrenti (ara para. 21, fol. 69 tal-proċess), kif ukoll min-nota responsiva tal-kontroparti (ara paragrafi 7 a fol. 74 tal-proċess, u paragrafu 9 a fol. 77 tal-proċess). Fejn ma jaqblux sew il-partijiet hija dwar jekk l-Att I/1983 kif mgħoddi,

imurx kontra xi waħda mill-kondizzjonijiet elenkati *supra* tal-proviso li jifforma parti mill-art. 47(a) tal-Kostituzzjoni;

Il-Qorti ħasbet fit-tul fuq id-diversi argumenti sollevati mill-abili difensuri tal-partijiet u hija tal-fehma li ma tistax tikkondividi l-argument ta' l-intimati riferibbilment għall-art. 47(9)(ċ) tal-Kostituzzjoni tagħna – u li in effett huwa l-qofol ta' l-ilment tar-rikorrenti. Illi skond l-Att I/1983 l-art kollha f'Malta jew Għawdex, li mhix ġa mibnija, tinqasam f'żewġ kategoriji, u ċjoè li hija jew "art għall-bini" jew inkella "raba' jew moxa skond il-każ". Jekk biċċa art ma tissodisfax il-kriterji stabbiliti tassattivament bl-artikolu 4, allura bilfors ifisser li din **waqgħet taħt il-kategorija l-oħra almenu għall-fini ta' kumpens** – kif joħroġ ċar u tond mill-artikolu 6, f'każ ta' esproprijazzjoni kif magħdud fl-artikolu 5 ta' l-Att. Dana mela bilfors ifisser li appena ġie in vigore l-Att *de quo* kwalsiasi potenzjal jew konsiderazzjoni oħra li setgħet tiġi meqjusa għall-fini ta' fissazzjoni ta' kumpens xieraq **tneħħiet indefinittivament u aprioristikament.** Mela, kull sid ta' art, li ma tikkwalifikax bħala *"building site"* bl-Att in kwistjoni, ġie mqiegħed f'kategorija li l-art tiegħu tikkwalifika **biss** bħala raba' jew art moxa. Illi l-Att stess jammetti eċċezzjoni f'każ ta' art li nxtrat qabel l-14 ta' Frar 1983 u li allura f'dan il-każ il-Parlament għandu d-diskrezzjoni li jagħti kumpens ekwivalenti għall-prezz tax-xiri. Iżda f'dan il-każ ukoll hemm kondizzjonijiet inġusti għall-esproprijat u dan l-għaliex:

17 il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn art li nxtrat qrib id-data msemmija fl-Att jew per eżempju, ħamsin jew mitt sena qabel;

27 din l-alternattiva tibqa' biss stima skond il-kriterju ta' art moxa jew raba' u l-individwu ma jgawdi minn ebda *"return"* fuq dak li jipposjedi;

3) illi d-diskrezzjoni lanqas ma hija qiegħda f'idejn is-sid imma tiddeċidi l-Kamra tar-Rappreżentanti għalih;

Is-suespost ifisser ukoll li r-rikorrenti kellhom u għad għandhom kull interess ġuridiku li jippromouvu l-azzjoni odjerna. Flok baqgħet *"frozen"*, l-art tagħhom ġiet minflok iddikjarata waħda mill-"Arei għall-Iżvilupp tal-Bini" u jridu jimxu konformement. Huwa minnu li r-rikorrenti għadhom ma pproċedewx quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar Artijiet u allura ma jafux x'inhu dovut lulhom bħala kumpens xieraq iżda huma issottomettew li dana ma jistgħux u ma setgħux jagħmluh proprju il-għaliex qegħdin jimpunjaw il-liġi *de quo* bħala waħda anti-kostituzzjonali. Illi minn dak li rrelata l-perit ġudizzjarju (ara relazzjoni tiegħu a fol. 88 – 91 tal-proċess) il-konklużjoni tiegħu kienet hekk (ara para. 8 – 9 fol. 91) in kwantu valutazzjoni ta' l-art *de quo:*

a) li kieku wieħed kellu jimxu u jaddotta l-kriterji stabbiliti mil-liġi, li tagħha qiegħda tintalab l-impunjazzjoni, għas-somma ta' elfejn u tlett mitt lira Maltin (Lm2300) u ċjoè l-prezz li bih inxtrat l-art qabel ma ġie in vigore l-Att numru 1 ta' l-1983; mentri

b) li kieku din l-art bil-potenzjal li għandha kellha tinbiegħ fis-suq liberu għal somma ta' ħamsa u għoxrin elf lira Maltin (Lm25,000);

B'daqshekk ma jfissirx li art li għadha bla permess tal-bini u allura mhix fabbrikabbli għandha tiġi kkalkolata għall-fini ta' stima bħala waħda tali iżda min-naħa l-oħra ma tistax *"a priori"* u b'liġi sussegwenti tirrestrinġi dak li għad jista' jiżviluppa. Fl-istess waqt, il-Qorti ma tikkondividix il-fehma tar-rikorrenti li l-kunċett ta' "skop pubbliku" kif definit mill-Ordinanza, Kap. 88, qiegħed in forza ta' l-Att 1/1983 iżid max-xorta ta' proprjetà li tista' tittieħed pussess tagħha. Bini ta' djar u għoti ta' *plots* lill-pubbliku mill-Gvern jaqa' fid-definizzjoni ġenerika tal-kliem "skop pubbliku". Fl-istess waqt ukoll però kwalsiasi stima għandha ta' lanqas tieħu in konsiderazzjoni li l-art sejra tiġi espropprijata espressament għal biex tinbena u mhux għall-fini ta' konservazzjoni ta' l-ambjent naturali, kif per eżempju hemm kontemplat fl-Att numru X ta' l-1988 jew, kif donnu jimplika l-Att *de quo*, biex tibqa' tinżera' fiha l-patata jew uċuh oħra tar-raba'. Dana mhux xi kunċett innovattiv jew estraneju għal Malta u l-ġurisprudenza nostrali. Fil-kawża fl-ismijiet: "Cameron *noe vs* Spiteri *et*" (Koll. XVI – II – 321) deċiża mitt sena ilu ċirka fit-28 ta' Ottubru 1898 per G. Pullicino, insibu *inter alia* li ġej:

*"Atteso che ..... il fondo de espropriarsi deve consderarsi non solo in se stesso, cioè avuto riguardo al suo stato ed alla sua destinazione attuale, ma anche tenuto conto della sua suscettività intrinseca, chiamata da taluni scrittori 'potenzialità' risultante dal concorso delle cause, inerenti al fondo medesimo che potrebbero aumentarne il valore";*

*"Atteso che questa suscettività deve essere tale da potersi attura presentamente o almeno in tempo vicino, secondo un calcolo di probabilità fondato sopra circostanze di fatto atto a*

*dimostrare che tali possibilità non sia chimerica ed apparente...*";

"*Atteso che giova rilevare che per ritenersi fabbricabile un'area non è necessario che essa sia posta entro un luogo abitato ed in immediata vicinanza allo stesso, anche i fondi posti a breve distanza da tali località possono ritenersi suscettivi ad essere fabbricati se vi è in quel luogo uno sviluppo edilizio accentuato e progressivo*";

Kemm il-potenzjalità ta' żvilupp edilizju mhijex "kimerika u apparenti" jemerġi mill-verbal ta' l-aċċess datat 3 ta' Ġunju 1989 miżmum mill-perit ġudizzjarju (ara fol. 93) fejn l-istess perit arkitett ikkostata "li nbnew ħafna djar skond kif jidher fil-pjanta, u li l-art in kwistjoni kważi tmiss mat-tarf tal-Mosta". Issir hawn ukoll riferenza għall-pjanta a fol. 94 tal-proċess li altru milli turi li hawn si tratta ta' lokal jew sit bi "żvilupp edilizju u aċċentwat";

Is-suespost ma jimplikax li l-Gvern ma jistax jagħmel "*policies*" dwar artijiet għal skop jew interess pubbliku u li jagħmel ir-regolamenti opportuni f'dan il-kuntest. Lanqas ma huwa kkontestat li biex jattwa dan kollu huwa jkollu d-dritt li jesproprija. Imma dak li ma għandux setgħa jagħmel hu li ma jagħtix ukoll kumpens xieraq lil min ġie esproprijat u fejn liġijiet diġa huma "protetti" bl-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni għandu jara li ma jemendax u ma jestendix tali liġijiet bi ksur tas-subartikolu 9 kif fuq ingħad;

Ir-rikorrenti ċċitaw bħala awtorità in sostenn ta' l-argumenti tagħhom dwar kumpens jew indenniz ġust każ deċiż mill-Qorti Suprema ta' l-Indja fil-*Bela Banerjee Case* (1956, S.L.R. 558(54), Asc. 1976) fejn ġie ritenut kif ġej: –

*"While it is true that the legislature is given the discretionary power of laying down the principles which should govern the determination of the amount to be given to the owner of the property appropriated, such principles must ensure, that what is determined as payable must be compensation, that is, a just equivalent of what the owner has been deprived of. Within the limits of the basic requirement of full indemnification of the expropriated owner, the Constitution allows free play to the legislative judgement as to what principles should guide the determination of hte amount payable. Whether such principles take into account all the elements which make up the true value of the property appropriated and exclude matters which are to be neglected is a justiciable issue to be adjudicated by the Court. This, indeed, was not disputed ... Any principles for determining compensation which denies to the owner this increment in value cannot result in the ascertainment of the true equivalent of the land appropriated ( pag. 648)"*;

Din il-Qorti tikkondividi pjenament dan l-insenjament;

Jifdal għalhekk il-kwistjoni legali dwar jekk ir-rikorrenti kellhomx u/jew għandhomx interess illi jimpunjaw l-Att 1/1983 kollu kemm hu jew inkella parti minnu. Kif diġà kellha okkażjoni tgħid *supra* din il-qorti, l-Att impunjat illum *per sè* jinsab abrogat però l-effetti tiegħu baqgħu *'in vigore'* u applikabbli għall-każijiet koperti u milqutin qabel mal-liġi *de quo* ġiet abrogata. Meta wieħed jara x'kienet tgħid il-liġi impunjata u dak li qed jilmentaw minnu r-rikorrenti, wieħed jasal għall-konklużjoni illi ma kienx hemm il-ħtieġa, u lanqas għad hemm issa, li jiġi ddikjarat null l-Att 1/1983 interament. Dana l-għaliex kemm-il darba jiġu ddikjarati nulli l-artikoli bin-numri 4 li jagħmel provvedimenti

dwar meta art titqies art għall-bini, l-artikolu bin-numru 5 dwar esproprjazzjoni ta' art wara pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, l-artikolu bin-numru 6 dwar stima ta' art għall-fini ta' kumpens, u l-art numru 7 dwar proċedura meta art tkun inxtrat qabel l-14 ta' Frar, 1983, allura l-allegata vjolazzjoni tal-Kostituzzjoni reklamata mir-rikorrenti tkun b'daqstant qiegħda tiġi rettifikata. Il-Qrati għandhom ikunu ġelużi għall-poteri u setgħat mogħtijin lilhom mill-ogħla liġi tal-pajjiż, jiġifieri mill-Kostituzzjoni. Filwaqt li għalhekk huma għandhom id-dmir li jaraw li d-diversi disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni huma osservati, u dan fil-każi meta huma jiġu hekk aditi bil-proċeduri stabbiliti mil-liġi; fl-istess waqt ukoll għandhom jaraw li kull miżura tax-xorta mitluba mir-rikorrenti għandha tkun bl-inqas diskapitu għal dawk il-poteri u setgħat li jaqgħu taħt il-funzjonijiet tal-Leġislattiv u ta' l-Eżekuttiv. Fi kliem ieħor, meta ma hux meħtieġ li tiġi impunjata liġi sħiħa, ħaġa bħal din la għandha tintalab u wisq anqas ma għandha tintlaqa' kif proposta;

Għal dawn il-motivi:

Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti limitatament però għall-artikoli 4, 5, 6 u 7 ta' l-Att 1 ta' l-1983 u tiddijara l-istess artikolu bħala nulli, u bla effett għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u b'dan, li kwalsiasi kumpens fil-każi applikabbli għandu jitqies a bażi tan-nozzjoni ta' kumpens xieraq kif tipprovdi l-Kostituzzjoni ta' Malta u kif hawn fuq indikat. Il-Kap. ta' l-ispejjeż, in vista tas-suespost, jiġi sopportat kwantu għal żewġ terzi (⅔) mill-intimati u terz (⅓) mir-rikorrenti u dana bla ħsara ta' dak illi ġie deċiż diġa mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Lulju 1986 dwar meritu u spejjeż'';

L-intimati appellaw permezz ta' rikors kopjuż u dettaljat u r-rikorrenti appellaw inċidentalment inkwantu l-ewwel Qorti ma ddikjaratx null l-Att kollu impunjat – jiġifieri l-Kapitolu 303 intitolat Att dwar Arei għall-Iżvilupp tal-Bini, imma biss l-artikolu 4, 5, 6 u 7.

*Artikolu 46(2)*

(a) L-ewwel punt li din il-Qorti tħoss li għandha tosserva huwa inċident li ġara fit-trattazzjoni tar-rikors quddiem l-ewwel Qorti:

Fid-9 ta' Jannar, 1986 dik il-Qorti wriet illi: –

"..... qabel ma tgħaddi biex tisma' u tiddelibera dwar il-provi tal-partijiet rigward il-meritu, tuża d-diskrezzjoni mogħtija lilha a tenur tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 47 tal-Kostituzzjoni (illum rinumerat 46(2) ) u tikkunsidra jekk ir-rikorrenti għandhomx jew kellhomx disponibbli mezzi oħra xierqa għall-ksur allegat, quddiem organi oħra kompetenti, skond il-liġi;

Għaldaqstant hija tinvita lill-partijiet biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom dwar dan il-punt u li għalissa jillimitaw il-provi tagħhom konformement";

(b) Dan id-digriet ġie appellat mill-intimati imma l-appell kien konċentrat fuq partijiet oħra tad-digriet (li m'għadhomx rilevanti fl-appell preżenti) u din il-Qorti fis-16 ta' Lulju, 1986, filwaqt li rrispinġiet l-appell, ġibdet l-attenzjoni tal-partijiet għall-fatt li għalkemm l-intimati kienu appellaw mid-digriet **kollu** tad-9 ta' Jannar, 1986, ma kienu qalu assolutament xejn fuq l-aħħar

parti tad-digriet (hawn fuq ikkwotat) u osservat illi:

Fil-fatt l-intimati appellanti ma ġiebu l-ebda ilment f'dan ir-rigward'';

(ċ) Dawn is-sottomissjonijiet però, da parti tar-rikorrenti, ma jidhirx li qatt saru u l-intimati rritornaw għall-punt proprju fl-aħħar (fil-paragrafu 10) tan-Nota twila tagħhom ta' Osservazzjonijiet tal-15 ta' Novembru, 1988;

(d) Il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Novembru, 1988 *jirreġistra illi*:

''Dr. G. Bonello għar-rikorrenti jitlob in-nomina ta' perit espert biex jistabbilixxi: –

(a) x'inhi l-aspettattiva tal-kumpens għall-art in kwistjoni skond il-kriterji tal-liġi impunjata;

(b) x'kienet l-aspettattiva tal-valur ta' l-art esproprijata kieku kellha tinbiegħ f'suq liberu'';

Stranament l-intimati opponew it-talba – l-ewwel għaliex l-istadju tal-provi kien għadda, u t-tieni: –

''għaliex l-eżerċizzju mitlub ikun inutli għax m'hemm xejn fl-Att impunjat u fil-Kap. 88 li jgħid li art bħal tar-rikorrenti m'għandux jingħata għaliha kumpens li hu l-valur tas-suq'';

Qiegħed jingħad ''stranament'' għaliex, dik it-talba tar-rikorrenti wriet illi:

(i) il-liġi impunjata kienet tipprovdi għall-kumpens;

(ii) illi dak li kien verament in kwistjoni kien jekk dak il-kumpens kienx "xieraq" jew le;

(iii) illi l-kumpens ma kienx "assolutament" mhux xieraq, imma seta' jirriżulta "relattivament" mhux xieraq, jekk u meta u skond kif tiġi applikata u interpretata l-liġi;

U għalhekk, billi l-istess liġi impunjata, fl-artikolu 5(3) kienet tipprovdi li kien il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet, il-Qorti Ċivili Prim'Awla u eventwalment il-Qorti ta' l-Appell, li kellhom jiddeċidu –

"l-ammont ta' kull kumpens li (kull persuna) jista' jkollha jedd għalih";

kien manifest li l-eżerċizzju li r-rikorrenti talbu li jsir, kien proprju dak li seta' jsir f'dak it-Tribunal u f'dawn il-Qrati, u dan kien ifisser ukoll li dik il-leżjoni lamentata mir-rikorrenti kienet, se mai, tista' tavvera ruħha **meta** dawk il-Qrati jiddeċidu finalment x'inhu l-ammont tal-kumpens u li meta dan ikun hekk stabbilit, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, u eventwalment din il-Qorti, jeżaminaw u jistabbilixxu jekk dak il-kumpens, stabbilit skond il-liġi impunjata, huwiex xieraq jew le, u allura jekk dik id-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell, inkwantu kkonċediet, skond il-liġi, **kumpens mhux xieraq** – dik id-deċiżjoni tkun leżiva ta' dritt fundamentali sanċit mill-artikolu 37(1)(a) tal-Kostituzzjoni;

(e) Fuq dan il-punt, is-sentenza appellata tgħid:

"Huwa minnu li r-rikorrenti għadhom ma pproċedewx quddiem il-Bord ta' l-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u allura ma jafux x'inhu dovut lilhom bħala kumpens xieraq, iżda huma ssottomettew li dan ma jistgħux u ma setgħux jagħmluh proprju għaliex qegħdin jimpunjaw il-liġi *"de quo"* bħala waħda anti-kostituzzjonali";

L-ewwel Qorti ma tgħidx espressament ma' liema waħda minn dawn it-teżijiet taqbel. Però, billi ma għażlitx li tissoprassjedi sakemm **jiġi stabbilit awtorevolment x'inhu l-kumpens li ħaqqhom ir-rikorrenti,** allura impliċitament, il-Qorti tiġi li qablet ma' dak li argumentaw ir-rikorrenti;

Issa, dan l-argument tar-rikorrenti (kif espost fis-sentenza, għaliex ma jirriżultax mill-iskritturi tar-rikorrenti) huwa sempliċement *petitio prinċipii* u għalhekk huwa illoġiku u għalhekk bla valur. Difatti r-rikorrenti qed jgħidu: –

"Il-liġi hija nulla u allura ma nistgħux nużawha biex nieħdu kumpens;"

mentri l-ewwel konċett – il-*"principium"* – għandu jkun

"La l-kumpens, meta wżajna *l-liġi*, mhux xieraq, *allura l-liġi* hija nulla";

(f) Il-pern tal-kawża – kif jidher tant ċar mir-rikors promotorju – huwa il-kumpens, jew aħjar in-**nuqqas ta' kumpens xieraq.** La l-kumpens – almenu formalment, – huwa kontemplat fil-liġi impunjata, allura n-**nuqqas ta' kumpens xieraq** huwa ridott, fl-ewwel lok, għall-kwistjoni ta'

fatt li jrid jiġi stabbilit u mhux arguwit jew ipotizzat. Ir-rikorretni, konxjament jew inkonxjament, indunaw b'din in-neċessità u allura talbu u ottenew il-permess li jagħmlu din il-prova ta' fatt permezz tal-Perizja ta' l-Arkitett Joseph Huntingford. U hekk għamlet ukoll is-sentenza appellata. Imma dan huwa żbaljat, għaliex il-fatt ta' nuqqas ta' kumpens xieraq, huwa fatt legalment kwalifikat, jiġifieri huwa – in-nuqqas ta' kumpens xieraq skond kif dak il-kumpens ġie stabbilit mill-organi ġudizzjarji awtorizzati biex jistabilixxu dak il-kumpens kif tipprovdi l-liġi impunjata. Kull ma għamel, u rraporta, il-Perit Tekniku nnominat mill-ewwel Qorti, huwa totalment inutli għall-vertenza. Il-prova tal-leżjoni tad-dritt fundamentali, b'daqshekk ma saritx. Il-leżjoni setgħet tirriżulta biss minn ġudizzju kostituzzjonalment inadegwat, ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Ma jista' jsir xejn proċeduralment validu, jekk dan il-metodu ma jiġix segwit;

(g) Il-proviso ta' l-art. 46(2) tal-Kostituzzjoni li qed jiġi kkonsiderat jgħid:

"Iżda l-Qorti tista', jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skond dan is-subartikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għall-ksur allegat huwa jew kien disponibbli favur dik il-persuna skond xi liġi oħra";

Dan jindika eżerċizzju ta' diskrezzjoni fdata, fl-ewwel lok, f'idejn il-Qorti ta' l-ewwel istanza, u l-użu ta' dik id-diskrezzjoni, ġeneralment, ma jiġix disturbat minn din il-Qorti. Imma f'dan il-każ m'huwiex "ir-rimedju" li jista' jiġi prokurat b'xi azzjoni

oħra, li hawn huwa in aġitazzjoni, imma l-fatt stess tal-leżjoni li jrid jiġi stabbilit. U dik il-leżjoni hija potenzjali biss u trid tiġi attwata minn deċiżjoni ta' Qorti oħra u għalhekk din il-Qorti ma tistax issegwi lill-ewwel Qorti fit-triq li qabdet;

2. It-tieni osservazzjoni li trid issir tirrigwarda l-ammont u l-varjetà ta' materjal irrilevanti li daħal fil-kawża u li serva biss biex jirrendi konfużi t-termini pjuttost sempliċi tal-kwistjoni kollha – kif esposti fir-rikors promotorju bbażat **unikament** fuq l-element ta' kumpens xieraq – kif ġà espost fil-paragrafu preċedenti;

Għal din il-konfużjoni kkontribwew prinċipalment l-intimati billi flok ma nsistew u llimitaw ruħhom **fl-ewwel lok** għall-opposizzjoni u l-kuntrast tal-pretiża tar-rikorrenti fuq in-nuqqas ta' kumpens xieraq, issottomettew, sa mill-bidu tal-kawża, dawn il-kwistjonijiet sekondarji, sussidjarji jew, addirittura rrilevanti:

(a) **l-interess** o meno tar-rikorrenti li jimpunjaw il-liġi kollha u mhux parti minnha biss;

(b) li l-liġi impunjata temenda jew in parti tissostitwixxi l-Kapitolu 88 – u jsegwi elenku ta' ħames emendi tal-liġi lil dak il-Kapitolu;

(ċ) illi anki jekk ir-rikorrenti juru li l-Att m'huwiex kostituzzjonalment korrett, xorta waħda l-Att huwa "salvat" bl-artikolu 47(9) ta' l-istess Kostituzzjoni;

Ma' dawn, ir-rikorrenti, fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tagħhom tas-27 ta' Ottubru, 1988, żiedu mal-lista:

(d) l-effett tal-liġi impunjata fuq il-kunċett ta' *"building site"*;

(e) l-argument li ntroduċa l-idea ta' *"frozen"* li rrendewha bħala "tiffriża" u esponewha b'dan it-tip ta' argument:

"..... art li ġà kellha valur kummerċjali qawwi, imma li kienet esposta li tirċievi kumpens baxx f'każ ta' esproprijazzjoni, sabet il-valur tagħha *"frozen"* bil-liġi, f'dak ta' *"non-building site"*. B'hekk, jekk f'xi żmien futur il-Gvern jiddeċiedi li jeħodha skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att impunjat, iħallas għaliha prezz ta' raba' jew moxa – mingħajr ebda konsiderazzjoni ta' xejn għall-potenzjal ta' dik l-art";

(f) kollettiviżmu anti-kostituzzjonali;

(g) definizzjoni ta' *"public purpose"*;

(h) jekk l-Att impunjat huwiex "liġi ġdida" jew emenda jew sostituzzjoni ta' liġi antika;

Dawn u punti simili, sfukaw kompletament l-attenzjoni tal-partijiet u tal-Qorti, bir-riżultat illi s-sentenza tittratta, jew almenu ssemmi, dawn il-punti – imma l-pern kardinali li fuqu trid iddur, **jekk għandha ddur**, ir-rota tal-kawża, jispiċċa biex jiġi emarġinat u ma jirċevix risposta ċara u definittiva – kif jeħtieġ, meta l-lament huwa daqshekk importanti bħalma hija l-allegazzjoni li dritt fundamentali tal-persuna mhux biss ma ġiex rispettat imma sofra leżjoni. Il-kawża kollha hija eżerċizzju fuq ipotesijiet u akkademiżmi konċettwali li biex ikollhom valur fi proċediment ġudizzjarju jridu, fl-ewwel lok, ikunu fermament

ankrati mal-konkretezza tal-fatt, li minnu u minħabba fih, jibda u jispiċċa kull proċess;

Intqal li, in parti, dan ġabuh l-intimati stess – għaliex meta "*in limine litis*" eċċepew illi r-rikors promotur ma

"kienx fih b'mod konċiż u ċar **il-fatti li minnhom jinħoloq l-ilment**";

u la l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u lanqas apparentament, din il-Qorti – sentenza tas-16 ta' Lulju, 1986 – ma qablet magħhom, huma ma pprestawx biżżejjed attenzjoni għal dak li verament qalet din il-Qorti biex ma qablitx magħhom, u mmaġinaw, li din il-Qorti qed tintravvedi fir-rikors promotur ħafna iżjed milli kien superfiċjalment jidher u rrifjutaw li jaċċettaw li **tajjeb u ħażin, il-fatti li minnhom inħoloq l-ilment,** kif imsemmija fir-rikors, kienu **suffiċjenti** għar-**ritwalità** tal-proċedura, **li però ma jfissirx,** li kienu suffiċjenti biex jinfetaħ id-dibattitu tal-vertenza "*a tutto campo*" – kif sfortunatament ġara;

Għalhekk l-intimati baqgħu, sa l-aħħar jattakkaw u jirrispondu d-diversi ipoteżijiet skond **fejn jimmaġinaw,** li dawk jistgħu jkollhom konsistenza. Hekk, per eżempju, fin-Nota tal-15 ta' Novembru, 1988, fit-tieni (għaliex hemm tnejn hekk enumerati) paragrafu 6, jgħidu:

"**dan u dak li jingħad fil-paragrafi sussegwenti qed jingħad in kwantu l-esponenti jimmaġinaw x'seta' kien l-ilment** tar-rikorrenti, peress illi jkomplu jsostnu illi dan ma jirriżultax mir-rikors";

Dan qed jintqal għaliex din il-Qorti kienet obbligata li tifhem kif u għaliex din il-kawża qabdet tant punti tanġenzjali a skapitu tal-konsiderazzjoni tal-punt kardinali tagħha; bil-konsegwenza li, kif intqal, l-intendiment preċiż ta' kollox, sofra sensibilment. Hekk per eżempju – biex jittieħed wieħed mill-punti devjanti li ġie trattat – is-sentenza appellata tgħid:

"Iżda f'dan il-każ hemm ukoll kundizzjonijiet inġusti għall-esproprijiet u dan l-għaliex: –

1. il-liġi ma tagħmilx distinzjoni bejn art li nxtrat qrib id-data msemmija fl-Att jew per eżempju, ħamsin jew mitt sena qabel;

2. din l-alternattiva tilqa' biss stima skond il-kriterju ta' art moxa jew raba' u l-individwu ma jgawdi minn ebda "*return*" fuq dak li jippossjedi;

3. illi d-diskrezzjoni lanqas ma hija qiegħda f'idejn is-sid imma tiddeċidi l-Kamra tar-Rappreżentanti għalih";

Hawnhekk l-ewwel Qorti qed titkellem fuq l-artikolu 7 ta' l-Att impunjat, u billi qed tikkonsidrah in vacuo u mhux fil-każ konkret, qed tagħtih sinifikat li bl-ebda mod ma huwa konsentit. Il-prezz **attwali u in buona fede** mħallas għax-xiri ta' biċċa art mixtrija qabel l-14 ta' Frar, 1983, li issa se tiġi esproprijata, huwa dejjem u f'kull każ **ogħla** mill-prezz li normalment kien jiġi stabbilit għal dik il-biċċa art, u għandu jitħallas flok il-prezz baxx. Dan huwa dak li l-artikolu jistabbilixxi. Il-prezz imħallas qabel dik id-data difatti, jista'jirriżulta tant għoli – fl-istima tal-Kamra (preżumibbilment il-Kamra tad-Deputati) li dik il-Kamra

tiddeċidi li ma tesproprijax l-art u teskludiha mill-*area* għall-iżvilupp tal-bini (art. 7(1)(ċ) ). Għalhekk il-prezzijiet ta' ħamsin u mitt sena ilu, ma jistgħu qatt ikunu rilevanti jew ikkunsidrati. Id-diskrezzjoni tal-Kamra tad-Deputati tirrigwarda għandhiex jew le tiġi esproprjata l-art u ma jidhirx kif jidħol is-sid f'deċiżjoni bħal dik. L-ewwel Onorabbli Qorti ġiet indotta f'dawn il-meandri proprju għaliex il-qofol tal-kawża ntilef fl-eskursjonijiet tanġenzjali. U nkwantu hekk, din il-Qorti, m'hijiex se tikkunsidrahom billi m'għandhiex l-obbligu li tgħid fejn taqbel u ma taqbilx – għaliex tonqos in-neċessità ġudizzjali li torbotha;

Għall-preċiżjoni – qabel id-dispositiv finali – fl-aħħarnett *għandu jiġi osservat illi* s-sentenza *appellata tgħid li qed tannulla* biss l-artikoli 4, 5, 6 u 7. Meta dan isir però, l-effett awtomatiku huwa li anki l-artikoli 3(4), 8, 11 u 12(1) ikunu qed jiġu annullati wkoll inkwantu dawn m'humiex awtonomi u ma jistgħux jissussistu mingħajr riferenza għall-artikoli espressament annullati. Meta jitneħħew dawn kollha l-Att ma jkunx jista' jiġi sostanzjalment attwat; ma jibqax jagħmel sens, u għalhekk in realtà s-sentenza annullat l-Att kollu u mhux l-artikoli li individwat;

Għal dawn ir-raġunijiet, is-sentenza appellata hija revokata u t-talba tar-rikorrenti billi tirriżulta intempestiva, ma tistax tiġi milqugħa;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi – barra dawk ġa regolati minn din il-Qorti, jibqgħu bla taxxa, bejn il-partijiet.